17 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Vincent Pavia

**Traffiku — Kolliżjoni.**

*F'każ ta' kolliżjoni l-Qorti għandha tfittex sewwa x'kienet il-kawża prossima tal-kolliżjoni.*

*Il-vjolazzjonijiet tar-regolamenti stradali għandhom indubbjament l-importanza tagħhom; imma mhumiex biżżejjed biex jistabbilixxu*

*l-ħtija tal-kolliżjoni, għax jeħtieġ li jkunu tali li jkunu ġiebu, jew għenu ħalli jġibu, l-kolliżjoni, meta l-akkuża tkun fuq ħsara kaġunata bil-kolliżjoni, u mhux akkuża ta' sempliċi kontravvenzjoni stradali speċifika.*

Fuq l-imputazzjoni illi fl-20 ta' Jannar 1952, għal xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, waqt li kien qed isuq motor car no. 1484 minn Senglea Gate, Senglea, ħabat ma' motor car no. 2338 u għamlilha ħsara, l-imputat ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-7 ta' Marzu 1952; iżda ġie lilu applikat l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali;

L-imputat appella minn dik id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Id-difiża u l-prosekuzzjoni għamlu riferenza, kwantu għall-provi, għal dak li, bħala provi testimonjali, hemm riportat fl-istess sentenza li minnha sar l-appell u għall-inkartament;

B'dik is-sentenza Micallef, id-driver tal-car l-ieħor, ġie wkoll misjub ħati talli minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, ħabat mal-car ta' l-appellant; b'mod li, kif hemm fis-sentenza unika mogħtija fuq iż-żewġ imputazzjonijiet, il-Maġistrat kien ta' fehma li t-tnejn kellhom tort. Micallef ma appellax. Issa din il-Qorti, wara li kkunsidrat ir-riżultanzi ta' fatt, kif dikjarati fis-sentenza, u partikolarment l-iskizz fol. 4 eżibit mill-Pulizija, u li, milli jidher, ma ġiex kontrastat, ma jidhrilhiex li tista' ssib xi ħtija mill-parti ta' l-appellant;

F'każijiet simili, il-Qorti għandha tfittex sewwa x'kienet il-"kawża prossima tal-kolliżjoni". Il-violazzjonijiet tar-regolamenti stradali għandhom indubbjament l-importanza tagħhom; imma mhux biżżejjed; għax jeħtieġ li jkunu tali li jkunu ġiebu, jew għenu filli jġibu, il-kolliżjoni, meta l-imputazzjoni tkun taħt l-art. 342 (bħal ma hi din), u ma tkunx biss ta' xi kontravvenzjoni stradali speċifika;

Hu fatt, li ma jidherx kontrastat, illi l-imputat kien qed iżomm is-side tiegħu waqt li kien għaddej mill-mina. Huwa kien skostat mill-ħajt xi żewġ piedi biss, u mhux suppost li proprju jħokk mal-ħajt, ġa ladarba, anki jekk wieħed iżid il

wisa' tal-car tiegħu (xi tliet piedi), kien qed iħalli wisa' biżżejjed, anki altru li biżżejjed, biex jgħaddi l-car l-ieħor. Infatti kien hemm spazju, skond li "sketch", ta' sitt piedi u erba' pulzieri; probabilment kien hemm aktar, għax il-mina hi wiesgħa erbatax-il pied u sitt pulzieri, u allura, meta jitneħħew ħames piedi (2 u 3 piedi), jibqa' fuq id-disa' piedi. "Ad ogni modo", anki kieku kien hemm sitt piedi u erba' pulzieri, kif hemm fli "sketch", dan kien biżżejjed biex jippermetti lill-car l-ieħor li jgħaddi bla ħsara. Issa, il-car l-ieħor, minflok immanuvra b'mod li, qabel ma jidħol fil-bokka tal-mina, jiddritta kważi għal kollox, jew minflok, qabel ma daħal fil-mina, għamel dik li tissejjaħ "a wide sweep" biex jista' jesplora aħjar it-traffiku li seta' kien ġej mill-mina, u anki biex ikollu "chance" fid-dritta aħjar, minflok għamel hekk, baqa' dieħel skuntrat kif hemm fli "sketch", tant li Caruana, li kien riekeb ma' Micallef, qal li ħakkew mal-bankina tax-xellug. Issa, jekk daħal skuntrat, kif fil-fatt daħal, hu fil-pront invada z-zona ta' l-"oncoming traffic", u għalhekk saret il-ħabta. Kieku Micallef kien qed iżomm max-xellug tiegħu, bħal ma kien qed iżomm max-xellug tiegħu l-imputat, ma kien jiġri xejn;

Din kienet il-"proximate cause" tal-kolliżjoni. Ma hemm xejn biex juri li l-imputat kien qed isuq b'xi speed li seta' jiddetermina l-kolliżjoni. Anzi pjuttost jirriżulta li hu kien miexi bil-mod. La Micallef u lanqas ix-xhud li kien miegħu, Caruana, ma kienu f'pożizzjoni, peress li kienu proprju għadhom qegħdin jimbokkaw il-mina, li jgħidu b'liema speed kien sejjer l-imputat. Lanqas jista' jingħad li l-imputat ma daqqx il-horn meta mbokka l-mina minn naħa l-oħra, u rrisponda għall-horn ta' Micallef meta wasal biex joħroġ;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellant, u tiddikjarah mhux ħati u tilliberah inkondizzjonatament.